# SEC Preventive Classes

Secondary Education Certificate
Examination Papers – **May 2023**

# Maltese Language

© University of Malta.
All rights reserved. No part of this publication may be reproduced, stored in a retrieval system, or transmitted, in any form or by any means, without the prior permission of the University of Malta.

The University of Malta, including the Matriculation and Secondary Education Certificate Examination Board, shall not be held responsible for any mistakes in the questions as printed or the answers, workings or comments as contained in this publication.

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 29 ta' April 2023 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Il-bniedem jiġġenera ħafna skart. Iddiskuti.

2. Ikteb rakkont li jispiċċa: "Spiċċajt bejn il-basla u qoxritha."

3. Ir-raħal Malti.

4. Iddeskrivi siegħa li qattajt fit-traffiku.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

**Kemm tqatta' ħin fuq il-media soċjali?**

Ieqaf u aħseb. Kemm tqatta' ħin fuq il-media soċjali? Li kieku kellek tikkwantifika s-sigħat, ara ssarrafhomx f'ħin fejn stajt għamilt xi ħaġa oħra. Forsi stajt qrajt ħafna kotba, żort lil xi membru tal-familja li kont ilek ma tara jew għamilt xi forma ta' eżerċizzju. Il-vizzju tal-internet, u allura, tal-media soċjali, qed jiżdied… anki f'pajjiżna. Jimpurtakx jew le kif trid tqatta' ż-żmien, ħaġa waħda hija ċara: il-media soċjali qed tiekol mill-ħin li stajt qattajt aħjar. Biss, illum, li wieħed jinqata' mill-media soċjali mhix xi ħaġa faċli, minħabba raġunijiet diversi, fosthom ta' xogħol u edukazzjoni. Minkejja dan, wieħed m'għandux jaqta' jiesu imma jirrimedja billi jagħmel affarijiet pjuttost sempliċi, li jagħtuh aktar sodisfazzjon u jagħmluh bniedem aħjar.

L-ewwel parir huwa billi titfi dak l-imbierek kompjuter għal ftit tal-ħin tal-ġurnata jew titfi l-internet minn fuq il-mobile. Mhux għax huma ħżiena, għax ilkoll nafu bil-vantaġġi li jistgħu jagħtuna, imma li tagħmel waqfa mid-dinja elettronika, żgur se tkun qed isserraħ il-menti tiegħek u tieqaf ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Jekk verament trid terġa' titwaħħad mad-dinja, dejjem tista' tixgħel l-apparat mill-ġdid.

Għal xi wħud, li assolutament jinqatgħu mill-media soċjali, mhijiex għażla. Forsi l-qraba tagħhom jgħixu 'l bogħod mill-pajjiż jew iridu l-internet biex jaħdmu. Hi x'inhi r-raġuni, ma tistax taqta' l-fil kompletament. Is-soluzzjoni? Agħmel skeda meta l-aħjar tista' tuża l-media soċjali, u żommha. Dan jippermettilek biex talloka biss dak iż-żmien għall-pjattaformi diġitali favoriti tiegħek.

Il-media soċjali mhux neċessarjament issaħħaħlek il-komunikazzjoni. Fil-fatt, riċerkaturi jisħqu li hemm argument b'saħħtu li jfaqqarha. Allura, minflok tirrikorri għall-media soċjali, uża dak il-ħin biex iċċempel id-dar u tħaddet ma' xi ħadd. Forsi din tal-aħħar ma tiħux pjaċir tagħmilha. Imma l-punt jibqa', li tinqata' mill-media soċjali hu ħafna iżjed faċli meta ssib alternattivi oħrajn biex jibdluha. Alloka l-ħin għal xi ħadd fil-ħajja tiegħek u tirċievi aktar milli tikseb fuq Facebook jew Twitter. Hemm affarijiet oħrajn li tista' tagħmel fil-ħajja reali? Hemm kemm trid. Għax ma tqattax ftit ħin tagħmel xogħol ta' volontarjat, issib postok bħala membru f'xi għaqda tar-raħal jew tiltaqa' mal-ħbieb f'xi bar jew stabbiliment tal-ikel?

Modi oħra biex taqta' mill-media soċjali hu li ssib affarijiet ġodda x'tagħmel. Ħalli l-ismartphone tiegħek id-dar u mur aqdef bir-rota, jekk għandek ġnien jew terrazzin id-dar mur u qatta' ftit ħin għall-kwiet, jew inkella oħroġ imxi jew mur sal-gym. Kemm għandna ċans noqogħdu għall-kwiet u nirriflettu fuq dak li nkunu għamilna? Hu x'inhu dak li ddeċidejt li tagħmel, sib il-ħin u wettqu. Agħti lilek innifsek xi ħaġa aħjar milli taħli l-ħin fuq il-Facebook biex targumenta man-nies jew tissindika x'qed tagħmel dik u x'qed jagħmel l-ieħor. Li tinqata' mill-media soċjali jista' jiddiżappunta, imma m'għandux għalfejn ikun. Jekk tħaddan xi wieħed minn dawn is-suġġerimenti t'hawn fuq, jista' jipperswadik taqta' ftit lilek innifsek mill-babsysitter elettroniku u tuża ħinek bl-aktar mod effettiv.

*(Addattament minn artiklu fis-sit http://weekly.uhm.org.mt/)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Għaliex taħseb li s-silta tirreferi għall-użu tal-internet bħala 'vizzju'? (2)
2. X'inhu dak li jagħti l-aktar sodisfazzjon lill-bniedem u dak li jagħmlu aħjar milli hu? (2)
3. Agħti **ŻEWĠ** modi mis-silta kif wieħed jista' jagħmel użu tajjeb mill-media soċjali. (2)
4. Skont xi riċerkaturi, il-media soċjali tfaqqar il-komunikazzjoni. Kif? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet ta' x'jista' jagħmel aktar u aħjar il-bniedem flok jintefa' biss fuq il-media soċjali. (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, taħseb li l-media soċjali qed taffettwa wisq lill-bniedem? Agħti raġuni **WAĦDA** għal dan. (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija miktuba bil-**grassett** skont is-silta ta' hawn taħt:

   L-ewwel **parir** huwa billi titfi dak l-imbierek kompjuter għal ftit tal-ħin tal-ġurnata jew titfi l-internet minn fuq il-mobile. Mhux għax huma ħżiena, għax ilkoll nafu bil-**vantaġġi** li jistgħu jagħtuna, imma li tagħmel waqfa mid-dinja elettronika, żgur se tkun qed isserraħ il-**menti** tiegħek u tieqaf ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum. Jekk verament trid terġa' **titwaħħad** mad-dinja, dejjem tista' tixgħel l-apparat mill-ġdid. (paragrafu 2) (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 5 li għandha din it-tifsira:

   a. naħsbu;
   b. agħmlu;
   ċ. tikkustinja;
   d. tagħmel tiegħek.

   (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 1 li turi li l-media soċjali tieħu ħafna ħin mill-ġurnata tiegħek? (2)

**(Total: 22 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Jekk forsi fit-tfulija kellek ħolma li tgħix f'villaġġ kollu għalik, jaf din il-ħolma tista' ssir realtà. Salto de Castro, fil-Majjistral ta' Spanja, jinsab għall-bejgħ għall-prezz ta' €260,000. Ir-raħal jinsab fuq il-fruntiera mal-Portugall fil-provinċja ta' Zamora. Minn hemm għal Madrid għandek tliet sigħat sewqan. Dan ir-raħal żgħir fih diversi binjiet, li llum il-ġurnata jinsabu mitluqa, fosthom 44 dar, lukanda, knisja, skola u pixxina muniċipali. Minkejja dan, ħadd ma jgħix f'dan ir-raħal u ilu tliet diċennji abbandunat. Apparti dan, ma teżisti ebda attività ekonomika. Fil-bidu tas-snin 2000 kien inxtara bil-ħsieb li jiġi mibdul f'raħal turistiku madankollu, il-kriżi finanzjarja kienet żammet kollox lura. Sid il-villaġġ għandu 80 sena u m'għadx għandu saħħa biex jieħu ħsiebu jew jiżviluppah. Jidher li hemm bosta mħajrin li jixtruh. Minn meta ħareġ fis-suq aktar minn 50,000 persuna marret biex tarah.

*(Addattament mis-sit https://tvmnews.mt/news)*

1. Sib u ikteb nom fil-plural sħiħ. (1)
2. Sib u ikteb nom proprju. (1)
3. Sib u ikteb aġġettiv Rumanz. (1)
4. Ikteb fi kliem **€260,000**. (1)
5. Sib u ikteb verb tas-seba' forma. (1)
6. Agħti s-singular ta' **sigħat**. (1)
7. Agħti z-zokk morfemiku minn **finanzjarja**. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb verb bil-pronom mehmuż maskil. (1)
9. Sib u ikteb parteċipju passiv mis-Semitiku. (1)
10. Agħti l-għerq ta' **mħajrin**. (1)
11. Oħroġ aġġettiv minn **Portugall**. (1)
12. Sib u ikteb verb fin-negattiv. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **żammet** fit-tieni persuna plural fl-imperfett. (1)
14. Mis-silta sib nom verbali. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int ġurnalist sportiv, u ġejt imqabbad mill-kamra tal-aħbarijiet tiegħek, sabiex tirrapporta dwar l-atmosfera fil-grawnd waqt u wara l-logħba għar-riżultat pożittiv li kisbet Malta f'logħba Internazzjonali.

**JEW**

2. Immaġina li inti ġurnalist li tieħu ħsieb il-paġna tal-ikel f'rivista lokali u spiss tirrakkomanda xi ristoranti. Dan l-aħħar innotajt li kemm l-ikel, kif ukoll is-servizz ta' dan ir-ristorant irrakkomandat minnek, ma kinux tal-livell tas-soltu. Ikteb rapport lill-maniġer tar-ristorant dwar id-differenzi li bdejt tinnota.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. L-għaqdiet tar-raħal se jorganizzaw avveniment kbir għal kawża ġusta u għandhom bżonn xi bankarelli biex jinbiegħu ikel u prodotti artiġjanali maħduma mill-istess parruċċani. Bħala s-segretarju/s-segretarja tal-Kunsill Lokali tar-raħal, ikteb ittra lis-sid tal-kumpanija li tikri dawn il-bankarelli biex tagħtih id-dettalji dwar l-attività u tara jekk jistgħux jinkrew għal dakinhar. Tinsiex tistaqsih ukoll il-kundizzjonijiet marbutin mal-kirja.

   Ismek: James/Martina Grech
   L-indirizz tiegħek: 8, Triq l-Istorja Naturali, ir-Rabat, RBT 1510.
   L-indirizz tal-kumpanija: 20, Triq Victor Calvagna, Il-Mosta, MST 1562.

**JEW**

2. Inti ċiklist/a professjonali li wara dawra bir-rota fl-inħawi tal-Marsa nnutajt li m'hemmx kontinwazzjoni fil-karreġġjata allokata għalik u għal naqra ma kontx se tispiċċa f'inċident bla mistenni. Ikteb ittra elettronika lid-Dipartiment responsabbli sabiex tispjegalu xi ġralek u tgħaddilu xi suġġerimenti ta' x'jista' jsir biex itejjeb il-karreġġjata f'dawk l-inħawi.

   Ismek: Mark/Marica Mifsud
   L-indirizz elettroniku tiegħek: marmifsud@malt.com
   L-indirizz elettroniku tal-Ministeru: ministerutrasport@org.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.....................................................................................................................

.....................................................................................................................

.....................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 29 ta' April 2023 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ġarġir mal-Ħerża,*** Marjanu Vella

Għaġeb tal-għeġubijiet, dalgħodu kmieni
Xħin mort maġenb il-bir,
Nara madwar il-ħerża
Qed jikber il-ġarġir!

U kesa dawramejt il-ġebla mielħa
B'lewn aħdar il-ġarġir,
U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq
Titnikker fuq il-bir.

Issa l-ħerża ħadet bixra
Ta' ma-nafx-hux-sħarijiet,
Naf li llum niżżilt is-satal
Tellajt ġmiel ta' ilmijiet.

Ma nibżax xħin nersaq waħdi
ħdejn il-bir,
Jibqa' l-ħsieb tas-sliem ġo moħħi
Bla ma jtir.

Jonqos biss li nagħmel għatu
Fuq it-tond ta' ftuħ il-bir,
Biex inħalli s-satal fuqu
Meta nkun imlejt iż-żir.

Għada tinżel qliel ta' xita
Naħżnu l-ferħ tal-ilmijiet
Bejn dirgħajn il-bir, fid-dalma
U fis-skiet.

**Wieġeb:**

1. Id-dehra tal-bir f'din is-silta hija l-oppost tad-dehra li naraw fl-ewwel parti tal-poeżija. X'taħseb li hi t-tifsira simbolika li jrid iwassal il-poeta? (3)
2. Il-"fjura bajda" għandha tifsira litterali u oħra metaforika. X'effett joħloq il-poeta b'din ir-referenza? (3)
3. Għaliex l-ilma huwa importanti f'din is-silta ta' poeżija? (4)
4. Sib u ikteb **ŻEWĠ** personifikazzjonijiet mis-silta ta' din il-poeżija u għid x'effett qed joħloq bihom il-poeta fil-kuntest tal-poeżija kollha. (5)
5. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta f'din is-silta tal-poeżija. (5)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Aqta' Fjura u Ibni Kamra* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqta' Fjura u Ibni Kamra*, Immanuel Mifsud**

Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella' dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax ... dak li sar sar.

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli, miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

Dur mal-kosta, fittex rokna;
Arma boathouse fuq il-blat;
Anki 'l baħar agħmel tiegħek
U ħallik mill-pixxispad.

Tagħtix kas li l-baħar tiela'
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

Issa isma' x'qed jgħidulek:
Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.
Hemm ftit metri ħdejn il-villa,
Li kont minnek nibni pool.

**Wieġeb:**

1. Lil min qed jindirizza l-poeta f'din il-poeżija, u għaliex? Xi nsejħulha din il-figura tat-taħdit? (3)
2. X'inhu t-ton ta' din il-poeżija, u x'effett joħloq fuq il-qarrej? (3)
3. F'din is-silta, il-poeta jsemmi darbtejn il-kelma "torri" fit-tieni u fir-raba' strofa. X'effett joħloq permezz tal-użu ta' din il-kelma? (4)
4. X'inhu r-ritmu tal-poeżija, u kif jorbot mas-suġġett tagħha? (5)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem f'din il-poeżija. (5)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Jacqueline* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jacqueline***, Pierre J. Mejlak

"Nistgħu mmorru għand Angelito ta' ħdejn iċ-ċimiterju. Kulħadd jgħajjat kemm hu tajjeb u kemm mhux għali. Tista' tippikkjani minn hawn, jekk għalik hu tajjeb."

U wara li ftiehmu l-ħin, Mario daħal fil-karozza u niżel id-dar b'rasu ttektek tektik niggieżi. Għax donnu l-pjaċir li kienu qed jagħtuh dawk il-messaġġi ċkejkna fil-forma ta' tbissima kien se jispiċċa kmieni wisq. U miegħu – forsi – min jaf? – anke l-ħajja ta' ġuvni. U kien ġa beda jaħseb jekk Jacqueline kinitx tabilħaqq il-mara li magħha kellu jqatta' ħajtu u jekk kienx wasal iż-żmien li jara jsibx xogħol aħjar, jieħu ħsieb iżjed flusu u jitfa' għajnu fuq xi appartament jew biċċa raba', meta tolqtu missila oħra. Did-darba doppja u bagħtithielu l-memorja, mogħxija bid-daħk.

"Pizza? U t-tadam? U, Mario, id-derby?!"

Għax Mario mhux biss kien allerġiku għat-tadam u għal kull forma ta' zlazi bi ħjiel ta' tadama, imma fil-fixla ta' dik l-għodwa kien nesa kompletament id-derby deċiżiv tal-Madonnina. Numru tat-telefown ta' Jacqueline ma kellux. Fejn toqgħod preċiż lanqas kien jaf u taċ-ċajt iħalliha tistenna fil-pjazza. X'kien se jagħmel meta jerġa' jaraha? Jipprova jevita l-pjazza għal ftit xhur imbagħad meta jaraha taparsi ma rahiex? Jilgħabha li nesa kollox? Le. Għandu 27. Jinsa d-derby u jiċċekkja waħda l-menù ta' Angelito.

Dik il-lejla stess telqilha lejn ir-restorant. Ipparkja fit-tarf tat-triq u kien għoddu wasal quddiemu meta għadda minn fejn il-vann tal-pastizzi – li bħal kull nhar ta' Ħadd kien armat hemm – u ħa pjaċir ixomm ir-riħa tal-pastizzi, li min jaf kemm kienu jqarmċu. U ħa gost bis-sħana ħierġa mill-forn kollu tilari suwed fuq xulxin. U anke l-ħoss tal-boroż iħaxwxu dak il-ħin bħal wennsu. U xxennaq għal tfajla sempliċi, li tikkuntenta ruħha bi tliet pastizzi, u li b'ħeġġa tfakkar lil seħibha li dalwaqt jibda d-derby. U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb.

**Wieġeb:**

1. X'inhuma ż-**ŻEWĠ** figuri tat-taħdit li jħaddem in-narratur fil-frażi: "b'rasu ttektek tektik niggieżi?" X'effett joħloq b'dawn il-figuri? (4)
2. Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet mis-silta li juru li din in-novella għandha sfond Malti. (4)
3. Mis-silta, sib eżempju ta' metafora, iktibha, u fisser l-effett li n-narratur joħloq biha. (3)
4. Din is-silta, kif ukoll in-novella, tispiċċa bis-sentenza: "U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb." Minn dak li jiġri matul in-novella, in-narratur xi jġegħelna naħsbu li kien dan il-ħsieb, u kif nistgħu nobsru dan? (4)
5. Minn dak li naqraw f'din is-silta, xi nsiru nafu dwar il-karattru ta' Mario, u ikteb kif nafu dan. (Semmi mill-inqas **TLIET** karatteristiċi.) (5)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ittri lil Marta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ittri lil Marta,*** Joe Friggieri

Għaddew minn kuritur mudlam u sabu ruħhom f'veranda mdawra bil-ħġieġ. F'nofs il-veranda, taħt id-dawl qawwi tax-xemx, kien hemm inkwatru mgħotti b'ċarruta sewda.

"Ikxfu!" Qaltilha t-tifla b'ton ta' kmand.

Marta mxiet lejn l-inkwatru. Ħatfet tarf iċ-ċarruta u ġibditha 'l isfel bis-saħħa. Ma setgħetx temmen lil għajnejha. Hi kollha kemm hi, wieqfa fil-bieb ta' darha, bħal meta kienet tistenna lil tal-posta jnewlilha l-ittri.

Imbagħad ġrat ħaġa li ħallietha mbikkma. L-ilwien tal-pittura bdew jitfu, donnhom qed jinxtorbu mir-raġġi qawwija tax-xemx; u f'kemm ili ngħidlek il-figura dabet għalkollox, l-ewwel il-wiċċ, imbagħad ix-xagħar u d-dirgħajn, u fl-aħħar l-għajnejn.

Marta bdiet tibki u tolfoq. Ma kinitx taf x'għandha tagħmel. Daret biex tkellem lit-tifla li fetħitilha l-bieb u daħħlitha ġewwa, imma ma ratha mkien. Reġgħet ħarset lejn it-tila vojta, qasmet il-kuritur, u għaġġlet lura lejn darha għajnejha mimlijin dmugħ u l-maktur marsus ma' mnifsejha.

L-għada ħarġet tistenna lil tal-posta fil-bieb. Imma minflok iż-żagħżugħ tas-soltu, b'xagħru twil sa fuq spallejh u għajnejh żoroq, ġie raġel ikrah, imdaħħal fiż-żmien, b'nuċċali oħxon fuq imnieħru. Induna mill-ewwel li ħadet qatgħa.

"Mil-lum se tibda tara lili, Sinjura. Naf li m'iniex sabiħ daqs l-ieħor. Imma xi trid tagħmel? Kulħadd b'xortih fid-dinja."

"X'sar minnu l-ieħor?" staqsietu mbellha.

"Siefer 'il bogħod u qal li ma jerġax lura. Kien stramb daqs għaxra, kwiet u ma jkellem 'il ħadd. Imma kien jaf ipinġi. Xi ġralek Sinjura? Ma tiflaħx?"

"Xejn, xejn. Dalwaqt jgħaddili. Għandek xi ittra għalija?"

"Din biss."

Ħaditha u fetħitha quddiemu. Bdiet taqra. "Għażiża Marta." Imma ma laħqet qrat xejn iżjed, għax il-linka tfiet malajr wisq fir-raġġi qawwija tax-xemx.

**Wieġeb:**

1. Meta Marta kienet quddiem l-inkwatru naqraw li "ħatfet tarf iċ-ċarruta u ġibditha 'l isfel bis-saħħa." Għal liema raġunijiet irreaġixxiet b'dan il-mod, u x'effett joħolqu l-verbi "ħatfet" u "ġibditha?" (4)
2. X'differenzi innotat Marta bejn il-pustier ta' qabel u ta' issa? X'kien is-sentiment li nħass minn Marta għal din il-bidla? (4)
3. L-awtur l-ewwel isemmi 'd-dawl tax-xemx' u mbagħad 'ir-raġġi qawwija tax-xemx'. X'inhu l-effett li jrid joħloq bix-xemx fuq l-inkwatru/pittura? (3)
4. X'inhi l-funzjoni tal-ewwel sentenza fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames paragrafi ta' din is-silta (versi 7,10 u 14)? Fisser b'eżempju minn waħda minnhom. (4)
5. L-għeluq ta' din is-silta, u tan-novella, huwa wieħed miftuħ. Xi jfisser dan, u x'taħseb li seta' kien hemm miktub fl-ittra? (5)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma fuq kull mistoqsija. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. It-taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn is-sabiħ u l-ikrah, hija tema universali. Iddiskuti kif din it-tema hija ttrattata f'diversi xogħlijiet li nsibu fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn.* (15)

2. Iddiskuti kif il-bniedem huwa ħafna drabi affaxxinat mill-fenomeni tan-natura billi tirreferi għall-poeżiji *Lill-Qamar Kwinta* ta' Rena Balzan, u *Żagħżugħ ta' Dejjem* ta' Dun Karm Psaila. (15)

3. Billi tirreferi għal uħud mis-siltiet ta' proża li studjajt fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*, iddiskuti kif il-bniedem emarġinat ibati minħabba s-soċjetà ta' madwaru. (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 400 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. "'Jeħtieġ li jitgħallmu l-iskola dawk.' U waqaf qisu miblugħ bih innifsu u b'li kien għadu kemm fisser." Għala Karmenu jgħid dan il-kliem, u x'importanza għandu fl-iżvolġiment tal-ġrajja tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer?

**JEW**

2. Billi tirreferi għal episodji u karattri differenti mir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, iddiskuti kif fis-soċjetà Maltija nsibu min hu sinjur u min hu fqir, min hu b'saħħtu u min hu dgħajjef.

**(Total: 30 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2023**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 29 ta' April 2023 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Ġarġir mal-Ħerża* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ġarġir mal-Ħerża,*** Marjanu Vella

Għaġeb tal-għeġubijiet, dalgħodu kmieni
Xħin mort maġenb il-bir,
Nara madwar il-ħerża
Qed jikber il-ġarġir!

U kesa dawramejt il-ġebla mielħa
B'lewn aħdar il-ġarġir,
U l-fjura bajda tefgħet riħa taħraq
Titnikker fuq il-bir.

Issa l-ħerża ħadet bixra
Ta' ma-nafx-hux-sħarijiet,
Naf li llum niżżilt is-satal
Tellajt ġmiel ta' ilmijiet.

Ma nibżax xħin nersaq waħdi
ħdejn il-bir,
Jibqa' l-ħsieb tas-sliem ġo moħħi
Bla ma jtir.

Jonqos biss li nagħmel għatu
Fuq it-tond ta' ftuħ il-bir,
Biex inħalli s-satal fuqu
Meta nkun imlejt iż-żir.

Għada tinżel qliel ta' xita
Naħżnu l-ferħ tal-ilmijiet
Bejn dirgħajn il-bir, fid-dalma
U fis-skiet.

**Wieġeb:**

1. X'inhi x-xena li qed jara l-poeta f'din is-silta ta' poeżija? Ikkwota **TLIET** kelmiet jew frażijiet li juru s-sbuħija li qed jara. (4)
2. X'inhi l-emozzjoni li qed iħoss il-poeta fl-ewwel strofa ta' din is-silta? Fisser għaliex iħoss din l-emozzjoni. (3)
3. X'importanza għandhom il-kuluri li l-poeta jsemmi fit-tieni strofa, u x'effett joħloq bihom? (5)
4. X'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem il-poeta meta jgħid 'Bejn dirgħajn il-bir'? Fissirha. (3)
5. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (5)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Aqta' Fjura u Ibni Kamra* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqta' Fjura u Ibni Kamra,*** Immanuel Mifsud

Aqta' fjura u ibni kamra;
Aqla' siġra u tella' dar;
Imxi metru, ibni villa;
Tinkwetax ... dak li sar sar.

Mur pass ieħor u ibni torri;
Itla' fl-għoli, miss is-sħab;
Tinkwetax jekk sħaqt l-għelieqi,
Kulma ħlejt kien naqra trab.

Dur mal-kosta, fittex rokna;
Arma boathouse fuq il-blat;
Anki 'l baħar agħmel tiegħek
U ħalik mill-pixxispad.

Tagħtix kas li l-baħar tiela'
Itla' fl-għoli anki int:
Bnejt it-torri, itla' fuqu,
Ibda gawdi dak li ħdimt.

Issa isma' x'qed jgħidulek:
Ħdejn il-baħar tmurx fit-tul.
Hemm ftit metri ħdejn il-villa,
Li kont minnek nibni pool.

**Wieġeb:**

1. X'inhi t-tema ewlenija ta' din il-poeżija? (4)
2. Permezz tat-ton li jħaddem, xi jrid iġiegħel lill-qarrej jirrealizza? (3)
3. Fl-ewwel żewġ strofi l-poeta jikteb "ibni kamra ... tella' dar ... ibni torri." X'effett joħloq permezz ta' dawn it-tliet nomi? (5)
4. X'taħseb li hi r-raġuni għalfejn il-poeta juża vokabularju Ingliż bħal "boathouse" u "pool"? X'messaġġ irid iwassal permezz ta' din it-teknika? (3)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (5)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Jacqueline* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jacqueline***, Pierre J. Mejlak

"Nistgħu mmorru għand Angelito ta' ħdejn iċ-ċimiterju. Kulħadd jgħajjat kemm hu tajjeb u kemm mhux għali. Tista' tippikkjani minn hawn, jekk għalik hu tajjeb."

U wara li ftiehmu l-ħin, Mario daħal fil-karozza u niżel id-dar b'rasu ttektek tektik niggieżi. Għax donnu l-pjaċir li kienu qed jagħtuh dawk il-messaġġi ċkejkna fil-forma ta' tbissima kien se jispiċċa kmieni wisq. U miegħu – forsi – min jaf? – anke l-ħajja ta' ġuvni. U kien ġa beda jaħseb jekk Jacqueline kinitx tabilħaqq il-mara li magħha kellu jqatta' ħajtu u jekk kienx wasal iż-żmien li jara jsibx xogħol aħjar, jieħu ħsieb iżjed flusu u jitfa' għajnu fuq xi appartament jew biċċa raba', meta tolqtu missila oħra. Did-darba doppja u bagħtithielu l-memorja, mogħxija bid-daħk.

"Pizza? U t-tadam? U, Mario, id-derby?!"

Għax Mario mhux biss kien allerġiku għat-tadam u għal kull forma ta' zlazi bi ħjiel ta' tadama, imma fil-fixla ta' dik l-għodwa kien nesa kompletament id-*derby* deċiżiv tal-Madonnina. Numru tat-telefown ta' Jacqueline ma kellux. Fejn toqgħod preċiż lanqas kien jaf u taċ-ċajt iħalliha tistenna fil-pjazza. X'kien se jagħmel meta jerġa' jaraha? Jipprova jevita l-pjazza għal ftit xhur imbagħad meta jaraha taparsi ma rahiex? Jilgħabha li nesa kollox? Le. Għandu 27. Jinsa d-derby u jiċċekkja waħda l-menù ta' Angelito.

Dik il-lejla stess telqilha lejn ir-restorant. Ipparkja fit-tarf tat-triq u kien għoddu wasal quddiemu meta għadda minn fejn il-vann tal-pastizzi – li bħal kull nhar ta' Ħadd kien armat hemm – u ħa pjaċir ixomm ir-riħa tal-pastizzi, li min jaf kemm kienu jqarmċu. U ħa gost bis-sħana ħierġa mill-forn kollu tilari suwed fuq xulxin. U anke l-ħoss tal-boroż iħaxwxu dak il-ħin bħal wennsu. U xxennaq għal tfajla sempliċi, li tikkuntenta ruħha bi tliet pastizzi, u li b'ħeġġa tfakkar lil seħibha li dalwaqt jibda d-derby. U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb.

**Wieġeb:**

1. X'juruna l-ħsibijiet li għaddejjin minn moħħ Mario fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar dwar il-karattru tiegħu? (4)
2. X'effett joħloq l-awtur meta jgħidilna fit-tieni paragrafu ta' din is-silta, "niżel id-dar b'rasu ttektek tektik niggieżi?" (4)
3. a) Fis-silta naqraw x'inhu għaddej minn moħħ Mario. Għalhekk insejħulha:
    - i) deskrittiva
    - ii) riflessiva
    - iii) narrattiva
    - iv) konverżazzjonali

   b) Islet **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet mis-silta biex turi għaliex għamilt din l-għażla. (5)
4. Sib u ikteb personifikazzjoni mit-tieni paragrafu. Fissirha. (3)
5. Din is-silta, kif ukoll in-novella, tispiċċa bis-sentenza: "U f'dak il-mument preċiż għaddielu ħsieb." Minn dak li jiġri matul in-novella, in-narratur xi jġegħelna naħsbu li kien dan il-ħsieb, u kif nistgħu nobsru dan? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ittri lil Marta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ittri lil Marta,*** Joe Friggieri

Għaddew minn kuritur mudlam u sabu ruħhom f'veranda mdawra bil-ħġieġ. F'nofs il-veranda, taħt id-dawl qawwi tax-xemx, kien hemm inkwatru mgħotti b'ċarruta sewda.

"Ikxfu!" Qaltilha t-tifla b'ton ta' kmand.

Marta mxiet lejn l-inkwatru. Ħatfet tarf iċ-ċarruta u ġibditha 'l isfel bis-saħħa. Ma setgħetx temmen lil għajnejha. Hi kollha kemm hi, wieqfa fil-bieb ta' darha, bħal meta kienet tistenna lil tal-posta jnewlilha l-ittri.

Imbagħad ġrat ħaġa li ħallietha mbikkma. L-ilwien tal-pittura bdew jitfu, donnhom qed jinxtorbu mir-raġġi qawwija tax-xemx; u f'kemm ili ngħidlek il-figura dabet għalkollox, l-ewwel il-wiċċ, imbagħad ix-xagħar u d-dirgħajn, u fl-aħħar l-għajnejn.

Marta bdiet tibki u tolfoq. Ma kinitx taf x'għandha tagħmel. Daret biex tkellem lit-tifla li fetħitilha l-bieb u daħħlitha ġewwa, imma ma ratha mkien. Reġgħet ħarset lejn it-tila vojta, qasmet il-kuritur, u għaġġlet lura lejn darha għajnejha mimlijin dmugħ u l-maktur marsus ma' mnifsejha.

L-għada ħarġet tistenna lil tal-posta fil-bieb. Imma minflok iż-żagħżugħ tas-soltu, b'xagħru twil sa fuq spallejh u għajnejh żoroq, ġie raġel ikrah, imdaħħal fiż-żmien, b'nuċċali oħxon fuq imnieħru. Induna mill-ewwel li ħadet qatgħa.

"Mil-lum se tibda tara lili, Sinjura. Naf li m'iniex sabiħ daqs l-ieħor. Imma xi trid tagħmel? Kulħadd b'xortih fid-dinja."

"X'sar minnu l-ieħor?" staqsietu mbellha.

"Siefer 'il bogħod u qal li ma jerġax lura. Kien stramb daqs għaxra, kwiet u ma jkellem 'il ħadd. Imma kien jaf ipinġi. Xi ġralek Sinjura? Ma tiflaħx?"

"Xejn, xejn. Dalwaqt jgħaddili. Għandek xi ittra għalija?"

"Din biss."

Ħaditha u fetħitha quddiemu. Bdiet taqra. "Għażiża Marta." Imma ma laħqet qrat xejn iżjed, għax il-linka tfiet malajr wisq fir-raġġi qawwija tax-xemx.

**Wieġeb:**

1. Ikteb dwar **ŻEWĠ** episodji minn din is-silta li fihom element qawwi misterjuż. X'tifsira tara f'dan li ġara? (4)
2. Semmi **TLIET** emozzjonijiet differenti li tħoss Marta, skont dak li naqraw f'din is-silta. Ikteb għaliex ħasset dawn l-emozzjonijiet. (4)
3. Sib, u ikteb, mis-silta **ĦAMES** kelmiet jew frażijiet li juruna x'ħasset Marta meta l-pittura bdiet tisparixxi malli rat id-dawl. (5)
4. X'inhi l-figura tat-taħdit imħaddma fil-frażi 'maktur marsus ma' mnifsejha'? X'effett irid joħloq biha? (3)
5. X'differenzi nnotat Marta bejn il-pustier ta' qabel u ta' issa? X'taħseb li hi r-raġuni li rat din id-differenza? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Xi drabi l-bniedem isibha diffiċli biex ikun aċċettat mis-soċjetà, u għalhekk ibati. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għal kitbiet li nsibu fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn.*

**JEW**

2. Il-karattri femminili huma spiss il-protagonisti f'xogħlijiet letterarji. Iddiskuti dan l-argument billi tirreferi għal poeżiji u siltiet ta' proża fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn.*

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Agħżel **WIEĦED** minn dawn il-karattri u ikteb dwar il-karatteristiċi ewlenin li naraw fih: Il-Baronċino Mark Antonin jew Karmenu jew Pietru.

**JEW**

2. Huwa veru jew le li Rużann wasslet għall-bidla soċjali, u kif? Ittratta dan l-argument skont dak li naqraw fil-ġrajja tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer.

**(Total: 30 marka)**